## Kappelli u Knejjes Żgħar fil-Mosta – (7)

# Il-Knisja ta' San Silvestru Papa

*minn* ***Tony TERRIBILE***



Fis-sensiela li fiha qegħdin naraw ġrajjiet u s-sbuħija tal-kappelli u knejjes żgħar li nsibu fil-Mosta, din is-sena jmissna naraw il-knisja ta' San Silvestru Papa.

Permezz ta' l-iżvilupp li sar f'dawn l-aħħar snin fl-inħawi fejn tinsab din il-knisja, din sabet postha fin-nofs ta' triq traffikuża ħafna, u għalhekk kisbet aktar popolarità.

Din il-knisja ħelwa għandha rabta ma' żmien il-kavallieri ta' San Ġwann. Fil-Mosta nsibu aktar tifkiriet li jfakkruna fi żmien l-Ordni li saltan fuq Malta bejn l-1530 u l-1798 iżda żgur li din il-knisja hi l-aqwa monument ta' dan il-perijodu storiku ta' ġrajjiet gżiritna.

Din il-knisja nbniet fl-1664 min-Nobbli Silvestru Fiteni li kien membru ta' l-Ordni Ġerosolomitan. Dan li qegħdin ngħidu tikkonfermah l-arma ta' dan in-nobbli u kitba qasira minquxa fil-ġebel li tinsab fuq il-bieb maġġur ta' din il-knisja. Il-faċċata hi magħmula minn par pilastri ta' stil Doriku li mit-truf tal-gwarniċun ta' fuqhom jitla' l-frontispizju b'kampnar f'nofsu.

Qrib il-pilastri naraw niċċa vojta, tipika ta' dawk iż-żminijiet li fihom inbniet il-knisja, u bejniethom hemm tieqa ta' għamla baxxa u tawwalija. Il-knisja tolqtok malli tidħol fiha għaliex hi miżmuma tajjeb ħafna.

Għandha altar tal-ġebel u fuqu kwadru tal-qaddis impitter minn Stefano Erardi. Hu kwadru mill-isbaħ li jirrappreżenta lill-qaddis liebes il-kappa u għarkopptejh fuq is-sħab imsieħeb minn erbgħa anġli żgħar. Fuq kull naħa tiegħu għandu anġlu kbir, dak ta' fuq ix-xellug jidher iżomm it-tarf tal-kappa tal-qaddis, u l-ieħor għandu f'idejh it-



*Il-kappella ta' San Silvestru, kif kienet tidher snin ilu, bil-bini imiss magħha u qabel ma nfetħet it-triq traffikuża li hemm bħalissa.*



*Il-kappella kif tidher illum il-ġurnata, u mdawla għall-festa.*
*(ritratt: Ruben Chetcuti)*



*Il-kappella ta' San Silvestru kif tidher meta tkun imżejna għall-festa tagħha. (ritratt: Ruben Chetcuti)*



*Il-pittura artistika ta' San Silvestru, xogħol tal-pittur Stefano Erardi.*

trerenju. Fin-nofs tal-kwadru hemm l-arma Fiteni u kitba li għal darb'oħra tfakkar lin-Nobbli Fiteni li fl-1615 ħallas l-ispejjeż ta' dan il-kwadru.

Fuq din il-pittura, imdawra bi gwarniċa tal-ġebel, għal darb'oħra nerġgħu naraw l-arma Fiteni u kitba latina li tfakkar lil dan in-nobbli Malti Baruni ta' Budakapest meta kien maħlul miż-żwieġ tas-sinjura Giuseppa Tessacolonna ġie mdaħħal fl-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm fil-grad ta' Kavalier ta' Kastellanija.

Kull sena, f'din il-knisja, ssir il-festa tal-qaddis patrun li tiġi ċċelebrata bis-sollennità kollha, jintrama d-damask, l-altar u l-affarijiet meħtieġa kollha. Matul is-sena wkoll jsiru ċelebrazzjonijiet oħra l-aktar ta' quddies. Dan kollu jfisser kemm din il-knisja għad għandha post speċjali fi qlub il-Mostin.


# NIKSU BAR

fejn issib atmosfera
ta' ħbiberija u ambjent familjari
kif ukoll kull xorta ta' snacks,
xorb ġenwin u appetizers

Joe u l-familja jixtiequ l-Festa t-Tajba
lill-klijenti u lill-Mostin kollha.

**Pjazza Nicolò Isouard, Mosta**
**Tel: 413537**